

## *Żewġ ikoni prezzjużi*

# Il-Madonna tal-Griegi - Belt Valletta

VINCENT ZAMMIT
B.A. (Med. Stud.)

■ Minħabba li l-Belt Valletta kienet spiċċat bħala l-belt kapitali ta' l-Ordni ta' San Ġwann, kif ukoll tal-Gżejjer Maltin, kien hemm diversi komunitajiet reliġjużi li ħasbu ħalli huma stess ikollhom il-lok tagħhom ukoll f'din l-istess belt. Apparti il-komunitajiet reliġjużi li kienu ilhom imwaqqfin fil-gżejjer Maltin minn qabel ma ġew il-Kavallieri fostna, insibu ukoll il-komunità Griega. Din il-komunità kienet telqet minn Rodi flimkien mal-Granmastru L'Isle Adam meta dan mexxa l-kavallieri u r-Rodjani mill-gżira ta' Rodi wara t-telfa tagħhom fis-sena 1522. Wara li fl-aħħar iddeċidew li jaċċettaw 'il Malta, l-istess komunità Griega li kienet baqgħet magħhom, iddeċidiet ukoll li twaqqaf il-kwartieri tagħha ħdejn l-istess protetturi, fil-Birgu.[1]

Bil-bini tal-belt Valletta, u t-trasferiment lejn din il-belt mill-Ordni fis-sena 1571, l-istess komunità Griega ħadet ħsieb li anke hi tkun tista' timxi lejn il-Belt, u twaqqaf knisja għal bżonnijiet ta' l-istess komunità. Fil-Birgu kellhom aktar minn knisja waħda, u kien hemm ukoll ikona partikulari, dik magħrufa bħala tad-Damaxxena, li kellha ċertu devozzjoni. Għalkemm, illum il-ġurnata din l-ikona għadha miżmuma b'għożża kbira, maż-żmien din ma kinitx l-unika ikona li kellhom il-Griegi. Iżda kellha tkun l-aktar waħda li kienet magħrufa, li kellha devozzjoni lejha, kif ukoll l-akbar ikona. It-tieni ikona kienet dik magħrufa bħala *Eleimonitria*.

### Il-knisja tal-Griegi fil-Belt

L-ewwel art li l-istess komunità Griega kienet xtrat fil-Belt Valletta, kienet fl-inħawi ta' fejn illum hemm il-Konkatidral ta' San Ġwann. Il-knisja kellha tinbena hemm, minħabba l-fatt li l-istess Ordni ta' San Ġwann kien qiegħed jaħseb li l-knisja konventwali tiegħu tinbena f'dik li illum hija magħrufa bħala Triq il-Merkanti, 'l isfel lejn il-Forti Sant' Jiermu. Kien imbagħad minħabba li ġie maħsub li ma kienx jagħmel sens li jkun hemm l-aktar knisja importanti daqshekk viċin ta' l-isptar tal-Kavallieri, għax id-daqq tal-qniepen kien żgur ikun ta' skomdu għal dawk li jkunu jinstabu fl-istess swali ta' l-isptar. B'hekk, bi ftehim, inbidlu l-artijiet, u filwaqt li l-komunità Griega ngħatat l-art fi Triq il-Merkanti 'l isfel, l-Ordni ħa fejn kellu jinbena l-Konkatidral ta' San Ġwann.[2]

L-art fejn inbniet knisja ddedikata lil San Nikola ta' Bari ma kinitx il-post fejn kellha titpoġġa l-istess ikona li diġà semmejna. Bħal ma diġà għidna, fil-Birgu il-komunità Griega kellhom tliet parroċċi. Fil-Belt Valletta kien hemm fil-fatt żewġ knejjes li kienu jaqdu l-bżonnijiet ta' l-istess komunità.[3] It-tieni knisja tal-Griegi nbniet bis-saħħa ta' wieħed mill-aktar nies prominenti fil-komunità Griega, bl-isem ta' Johannes Calamia.[4]

Il-kwadru huwa ferm interessanti. Iżda tant ieħor hija l-istorja tiegħu. Skond tradizzjoni dan il-kwadru kien maħsub li xi kavallieri kienu diġà rawh fil-belt Sirjana ta' Damasku, u minħabba f'hekk l-isem tal-Madonna ta' Damasku baqgħet marbuta ma' din l-ikona. Huwa fatt interessanti li huwa maħsub li din l-ikona tmur lura għas-seklu tnax, u b'hekk tagħmilha bħala waħda mill-eqdem ikoni li għadhom jeżistu. Barra minn hekk, din l-ikona ta' Malta hija wkoll ikkunsidrata bħala l-akbar waħda li nsibu fid-dinja.[5]

Interessanti huwa l-fatt li Calamia suppost bena knisja, (jew tnejn kif kien talab huwa stess) fil-Birgu. Biss, l-ewwel knisja li huwa bena kienet fil-fatt fil-Belt Valletta. Din kienet bdiet tinbena fis-sena 1576 u tlestiet fis-sena 1580. F'dik is-sena ttieħdet lejn din il-knisja l-ikona tal-Madonna magħrufa bħala *Eleimonitria*.[6] Kien imbagħad fis-sena 1587 li l-ikona l-kbira, dik tad-Damaxxena, ittieħdet lejn il-knisja tal-Griegi fil-Belt Vallètta.

### Il-knisja preżenti minn ġewwa

Il-knisja kellha diversi benefatturi matul is-snin. Fil-fatt fis-sena 1678 il-Granmastru Nikola Cotoner ħaseb ħalli jibniha mill-ġdid. Is-suċċessur tiegħu, il-Granmastru Gregorio Carafa, waqqaf altar fejn tpoġġiet l-ikona tad-Damaxxena fuqu. Fis-sena 1941, minħabba l-attakki mill-ajru li kienu żdiedu, il-Librar tal-Bibljoteka, Sir Hannibal P. Scicluna offra li l-ikona tad-Damaxxena tittieħed f'xelter tal-blat. Kien aktar tard li l-istess ikona ttieħdet barra mill-Belt Valletta, ħalli tkun aktar żgura. L-isfortuna riedet li l-ikona l-oħra, tħalliet fil-knisja ħalli almenu kien ikun hemm immaġini devota tal-Madonna biex tkompli toffri wens waqt dak iż-żmien. F'Marzu tas-sena 1942 il-knisja ntlaqgħtet u tfarket. Mill-knisja ma kien għad fadal xejn. Mill-ikona tal-Madonna ta'





*Eleimonitria* kien għad fadal frak biss. Xorta waħda madwar 20 sena ilu kien sar ir-restawr neċessarju, u b'hekk wieħed jista jara dak li fadal. Il-knisja li hemm illum inbniet mill-ġdid, fuq id-disinji tal-Perit Diacono.

## L-Ikoni Griegi

Iż-żewġ ikoni li għadhom jidhru fil-Knisja tal-Griegi, għadhom joffru stampa ta' kif kienu jkunu l-kwadri mpittra fuq l-istil magħruf bħala Biżantin. Barra minn hekk wieħed jista' jara wkoll u japprezza li dak li kien meqjum f'Rodi, u f'Malta fi żmien il-Kavallieri, għadu ċ-ċentru ta' devozzjoni sal-ġurnata tal-lum.

## Il-Madonna Eleimonitria

L-ewwel ikona li sejrin nagħtu ħarsa dettaljata lejha hija dik magħrufa bħala *Eleimonitria.* Din il-kelma tfisser il-Madonna tal-Ħniena. Fil-fatt din l-immaġini qegħda turina l-Madonna tħares ċassa lejn il-fidili, u magħha hemm ukoll Ġesù, li qiegħed jagħmel l-istess. Fl-istess ħin, Ġesù suppost jinstab b'idu mgħollija b'sinjal ta' tberik. L-aktar ħaġa li tispikka f'din l-ikona huma l-uċuh tal-Madonna u ta' Ġesù. Dawn juru li l-artist li ħadimhom kien tajjeb, u fl-istess ħin kien jemmen ħafna f'dak li kien qiegħed ipinġi. Barra minn hekk il-faxxa ħamra tispikka wkoll, bħal ma tagħmel fil-kwadru l-ieħor.



Prominenti ħafna f'dan il-kwadru huma ż-żewġ stilel li hemm impinġija fuq il-mant tal-Madonna. Tidher waħda fuq l-ispalla tax-xellug, u l-oħra fuq moħħha. Fil-verità hemm it-tielet waħda wkoll, fuq l-ispalla l-oħra. Dawn għandhom is-simboliżmu tagħhom, u jfissru li l-Madonna kienet Verġni qabel it-Twelid, fit-Twelid u wara t-Twelid ta' Ġesù.[7]

Il-kwadru huwa ferm iżgħar mill-ieħor, u fl-istess ħin mhux fl-istess kundizzjoni bħal ma huwa l-kwadru l-kbir. Iżda, jibqa' xorta waħda importanti għax joffrilna stampa ta' kwadru li kien devot ħafna fi żmien il-Kavallieri, u anki wara.

## Il-Madonna tad-Damaxxena

Iċ-ċentru tad-devozzjoni f'din il-knisja hija l-ikona li qegħda turi lill-Madonna flimkien ma' Ġesù. Il-kwadru huwa ferm aktar komplut mill-ieħor, li għadna kemm tkellimna dwaru. Hemm ukoll id-daqs tiegħu li jiġbed l-attenzjoni, u barra minn hekk wieħed ikun jista' japprezza d-dettalji aħjar.



Il-kwadru qiegħed juri lill-Madonna li tinstab mgħannqa minn Binha Ġesù. Wiċċ Ġesù jinsab ma' dak tal-Madonna, u din hija waħda mill-aspetti teneri li naraw f'dan il-kwadru. Fil-fatt dan li qegħdin naraw huwa aspett minn dak li huwa magħruf bħala *eleousa*, jiġifieri ħniena. Il-faxxa ħamra (bħal ma tidher fil-kwadru l-ieħor) qegħda ma' qadd Ġesù. Din tfisser li min jilbisha huwa Re, anzi Alla nnifsu. Fil-ġnub ta' l-istess kwadru, għalkemm bil-kemm jidhru hemm żewġ anġli. Wieħed huwa l-Arkanġlu Mikiel, u l-ieħor Gabrijel.



Il-Madonna għandha għajnejha miftuħin beraħ, mod ieħor kif wieħed qiegħed juri li l-artist ried joffri aspett partikulari tal-Madonna - dik li hija dejjem lesta biex tħarisna u tismagħna. Fl-istess ħin f'idejha qegħda turina lil Binha Ġesù, li filwaqt li qegħda tgħidilna biex nersqu lejha ħalli nitolbuha u tkun hi li tidħol għalina, huwa Ġesù nnifsu li jista' jagħtina dak kollu li aħna rridu u nixtiequ.

Il-kulur tad-deheb li hemm fuq wara tal-figuri huwa wkoll partikulari għall-istil ta' dawn l-ikoni. Il-kulur dehbi qiegħed hemm minħabba lid-deheb kien juri li dan ma jispiċċax, u lanqas ma jbiddel il-kulur tiegħu. Għalhekk wieħed jara l-inkorrottabilità ta' l-istess Alla li hemm rappreżentat f'Ġesù. Mhux ta' b'xejn li l-artisti li jaħdmu l-ikoni riedu jkunu ferm spiritwali, għax inkella x-xogħol tagħhom ma kienx ikollu dak l-aspett spirtwali u divin kif naraw f'din l-immaġini.

Il-knisja tal-Madonna tal-Griegi hija waħda minn dawk l-irkejjen li fil-Belt Valletta issib ħafna bħalhom. Fl-istess ħin wieħed jifhem ukoll li hawnhekk għandek kwadru li mhux biss jiġbed l-attenzjoni devota tal-fidili, iżda ilu jagħmel hekk għal mijiet ta' snin, kif ukoll għandu storja interessanti wkoll.

1 Għal aktar informazzjoni dettaljata dwar il-komunità minn Rodi fil-Birgu, ara Fiorini, S. (1994): 'The Rhodiot Community of Birgu, A Maltese City: 1530 - c.1550', *Library of Mediterranean History,* Vol.1.
2 Għal aktar informazzjoni dwar il-bini tal-Belt Valletta, ara de Giorgio, R. (1985): *A City by an Order,* Malta.
3 Maż-żmien il-knisja ta' San Nikola ta' Bari ingħatat lill-Fratellanza ta' l-Erwieħ tal-Purgatorju, u fil-fatt għadha magħrufa sal-lum bħala l-knisja ta' l-Erwieħ.
4 Buhagiar, M. (1989): 'The Early Artistic Legacy of the Order in Malta: Paintings', *The Order's Early Legacy in Malta,* Malta.
5 Informazzjoni mogħtija lili mill-Papas Vito Borgia, ir-rettur preżenti ta' din il-knisja.
6 Din l-ikona kienet proprjetà tal-familja Calamia wkoll, iżda kienet tinżamm fil-knisja ta' Sant'Anton Abbati fil-Birgu (Buhagiar: 1989).
7 Din hija tradizzjoni antika Sirjana (Papas Vito Borgia (1999): *Our Lady of Damascus: The Story of an Icon,* Malta.